32004R1831

22.10.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 321/29

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1831/2004

tal-21 ta' Ottubru 2004

li temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 930/2000 li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-adegwatezza tad-denominazzjoni ta' varjetajiet ta'speċi ta' pjanti agrikoli u speċi veġetali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-katalogu komuni ta'speċi ta' pjanti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar it-tpoġġija fis-suq ta' żerriegħa veġetali ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(6) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttivi 2002/53/KE u 2002/55/KE jipprovdu regoli ġenerali in konnessjoni ma' l-adegwatezza ta' denominazzjonijiet ta' varjetajiet, permezz ta' referenza għall-Artikolu 63 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 fuq drittijiet tal-varjetajiet tal-Pjanti Komunitarji ([3]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 930/2000 ([4]) stabbilixxa regoli detalljati għall-applikazzjoni ta' ċerti kriterji li joħorġu mill-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-impedimenti għad-desinjazzjoni ta' denominazzjoni ta' varjetà.

(3) Minħabba żviluppi fil-qasam ta' protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografika u desinajazzjoni ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli, kif ipprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ([5]), u għal tibdiliet fil-proċess quddiem l-Uffiċċju Komunitarju għall-Varjetajiet tal-Pjanti kif ipprovdut fir-Regolament tal-Kumissjoni (KE) Nru 1239/95 ([6]), ir-regoli detalljati ipprovduti fir-Regolament (KE) Nru 930/2000 għandhom jiġu aġġornati kif meħtieġ.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 930/2000 għandu għalhekk jiġi emendat.

(5) Il-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żerriegħa u l-Materjal tat-Tkabbir għall-Agrikoltura, Ortikoltura u x-Xjenza li tistudja t-Tħawwil ta' Siġar fil-Foresta.

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 930/2000 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2, għandhom jiġu miżjuda l-paragrafi segwenti:

"2. Fil-każ ta' indikazzjoni ġeografika jew desinjazzjoni ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli u ikel bħala dritt minn qabel ta' partijiet terzi, denominazzjoni ta' varjetà fit-territorju tal-Komunità jkun meqjus li jkun projbit fejn id-denominazzjoni tal-varjetà tmur kontra l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (*) għal dak li jirrigwarda l-indikazzjoni ġeografika jew id-desinjazzjoni ta' l-oriġini protetta f'Stat Membru jew fil-Komunità taħt l-Artikoli 5(5), 6 jew dak li qabel kien l-Artikulu 17 ta' dak ir-Regolament għal oġġetti li huma identiċi jew simili għall-varjetà tal-pjanta kkonċernata.

3. Xkiel għall-adegwatezza ta' denominazzjoni minħabba dritt minn qabel imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jitneħħa fejn kunsens bil-miktub tad-detentur tad-dritt minn qabel għall-użu tad-denominazzjoni in konnessjoni mal-varjetà ġie ottenut, jekk tali kunsens ma jwassalx li jagti impressjoni żbaljata lill-pubbliku dwar l-oriġini vera tal-prodott.

(*) ĠU L 208, tas-27.7.1992, p. 1."

2. Fl-Artikolu 2, il-Punt 2 isir Punt 4.

3. L-Artikolu 3(1) huwa emendat kif ġej:

a) Il-punt a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"a) fejn huwa fil-forma ta' *'fancy name'*:

i) jikkonsisti f'ittra waħda;

([1]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, tat-18.10.2003, p. 1).
([2]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 33. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru. 1829/2003.
([3]) ĠU L 227, ta' l-1.9.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1650/2003 tat-18 ta'-Ġunju 2003 (ĠU L 245, tad-29.9.2003, p. 28).
([4]) ĠU L 108, tal-5.5.2000, p. 3.
([5]) ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru. 806/2003. (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).
([6]) ĠU L 121, ta' l-1.6.1995, p. 37. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2181/2002/(ĠU L 331, tas-7.12.2002, p. 14).

ii) jikkonsisti fi, jew jikkontjeni bħala element separat, serje ta' ittri li ma jiffurmawx kelma pronunċabbli f'lingwa uffiċjali tal-Komunità; iżda, fejn din is-serje hija taqsira stabbilita, tali taqsira stabbilita tkun limitata għal massimu ta' 2 settijiet ta' mhux aktar minn 3 simboli kull wieħed, li jinsabu f' kull tarf tad-denominazzjoni;

iii) jikkontjeni numru, ħlief fejn dan huwa parti integru ta' l-isem, jew fejn dan jindika li l-varjetà huwa jew ikun wieħed minn serje numerat ta' varjetajiet konnessi minħaba l-passat ta' tkabbir tagħhom;

iv) jikkonsisti f'aktar minn tlett kelmiet jew elementi, ħlief jekk il-kliem jagħmluha faċli li tintgħaraf jew li tiġi riprodotta;

v) jikkonsisti fi jew jikkontjeni kelma jew element eċċessivament twil;

vi) jikkontjeni marka ta' punteġġjatura jew simbolu ieħor, taħlita ta' ittri kbar żgħar (ħlief fejn l-ewwel ittra qegħda f'ittri kbar u l-qbija tad-denominazzjoni qegħda f'ittri żgħar), *subscript, superscript* jew disinn;"

b) Fil-punt b), il-punt v) jinbidel b'dan li ġej:

"v) jikkontjeni marka ta' punteġġjatura jew simbolu ieħor, *subscript*, *superscript* jew disinn."

4. Fl-Artikolu 4, il-punt a) jinbidel b'dan li ġej:

"a) ' jista' jiġi mħawwad ma' ' tkun ikkunsidrata li taqa' *inter alia* denominazzjoni ta' varjetà, li tikkontjeni differenza ta' ittra waħda biss, jew ta' aċċenti fuq ittri, in konnessjoni ma' denominazzjoni ta' varjetà ta' speċi li huma simili ħafna, li ġiet aċċettata uffiċjalment għal bejgħ fil-Komunità, iż-Żona Ekonomika Ewropea jew bħala parti kontraenti għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti (UPOV), jew huwa s-suġġett ta' dritt ta' varjetà tal-pjanti f'tali territorji. Iżda, differenza ta' ittra waħda f'taqsira stabbilita bħala entità separata tad-denominazzjoniijet tal-varjetajiet ma jkunux meqjusa li jikkawżaw konfużjoni. Wkoll, fejn l-ittra differenti hija prominenti f'mod li jagħmel id-denominazzjoni distinta f'mod ċara minn denominazzjoniijet tal-varjetajiet li diġà huma reġistrati, ma jkunx meqjus li jikkawża konfużjoni. Differenzi ta' żewġ ittri jew iktar ma jkunux meqjusa li jikkawża konfużjoni ħlief fejn iż-żewġ ittri kemm biddlu l-postijiet tagħhom. Differenza ta' numru wieħed bejn żewġ numri oħra (fejn numru huwa permess f'*fancy name*) mgħandux jitiqies li jikkawża konfużjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal denominazzjoni ta' varjetà filforma ta' kodiċi, jekk id-denominazzjoni ta' varjetà ta' referenza hija ugwalment fil-forma ta' kodiċi. Fil-każ ta' kodiċi differenza ta' simbolu wieħed bisss, ittra jew numru, tkun meqjusa li tippermetti li żewġ kodiċi ikunu distinti minn xulxin f'mod suffiċjenti. Spazji vojta għandhom jiġu injorati meta jiġu mqabbla denominazzjonijiet fil-forma ta' kodiċi."

5. Fl-Artikolu 5, il-punt (b) huwa mħassar;

6. L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

a) Fil-punt e), il-punt ii) jinbidel b'dan li ġej:

"ii) l-ismijiet bottaniċi jew l-ismijiet komuni ta' l-ispeċi, fil-grupp either jew ta' speċi ta' pjanti agrikoli jew ta' speċi ta' pjanti veġetali, li għaliha tappartjeni l-varjetà;"

b) Fil-punt e), il-punt iii) huwa mħassar.

c) Is-segwenti punt (f) huwa miżjud:

"f) dan jinkludi isem ġeografiku li probabbilment ifixkel lill-pubbliku għal dak li jirrigwarda l-karatteristiċi jew il-valur tal-varjetà".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta'l-Unjoni Ewropea*.

Ma japplikax għal denominazzjonijiet ta' varjetajiet li ġew proposti mill-applikant lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tagħhom qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar il-21 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni